15 ta' Diċembru, 1955

Imħallef:

Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Salvatore Guillaumier ne. *versus* Giovanna Cassar pr. et ne.

**Bejgħ — Elevazzjoni — Privileġġ — Art. 2113 (d) Kap. 23.**

*Il-liġi takkorda privileġġ għall-kreditu għall-prezz ta' ħaġa, sew jekk il-bejgħ tagħha jkun sar bi żmien għall-ħlas kemm jekk ikun sar mingħajr żmien.*

*Imma l-oġġett li fuqu jkun hemm dan il-privileġġ huwa tad-debitur li jkun xtrah; għaldaqstant, jekk dak l-oġġett jiġi maqbud b'mandat ta' elevazzjoni jew sekwestru minn kreditur ieħor, ma hemmx lok għar-revoka ta' dak il-mandat jew sekwestru fuq talba tal-kreditur privileġġjat in kwantu dak il-mandat jew sekwestru jikkolpixxi dak l-oġġett. Il-kreditur privileġġjat jista' jeżerċita l-privileġġ tiegħu fuq il-prezz tar-rivendita ta' dak l-oġġett, u ma jistax jitlob li dak l-oġġett jiġi eżentat mill-effetti tal-mandat.*

*Il-kreditur privileġġjat lanqas ma jista' jitlob ir-riżoluzzjoni tal-bejgħ billi jallega li l-prezz ma jkunx tħallas, u fl-istess ħin jinvoka l-privileġġ. Għaliex bir-riżoluzzjoni tal-bejgħ il-ħaġa mibjugħa ma tibqgħax tad-debitur, imma ssir tal-venditur; u wieħed ma jistax ikollu l-privileġġ fuq il-ħaġa proprja. Riżoluzzjoni tal-bejgħ u privileġġ fuq il-prezz tar-rivendita tal-oġġett ta' dak il-bejgħ ma jistgħux imorru flimkien; u dan għall-kontradizzjoni li ma takkonsentix.*

Il-Qorti — Rat l-att ta' ċitazzjoni li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi l-kredituri eżekutanti fuq imsemmija

*ottenew* l-ispedizzjoni *ta' mandat ta' l-elevazzjoni* fit-30 ta' Lulju 1955, kontra d-debitur Edward Camilleri għall-kreditu tagħhom imsemmi fid-dikjarazzjoni; u li in eżekuzzjoni ta' dak il-mandat ġew elevati minn Eddie's *Bar* u *mid-dar* ta' fuqu fi Strada Teżorerija, Valletta, l-oġġetti elenkati fir-riferta tal-marixxall annessa ma' dak il-mandat; li fost dawk l-oġġetti hemm il-partita numru tmienja (8) li tikkonsisti fi tmien mija u wieħed (801) *lustrini bil-*gwarnić tal-kewba; u li d-debitur kien xtara dawk il-mirja minn għand id-ditta attriċi, u baqa' ma ħallashomx, u għalhekk dik id-ditta għandha skond il-liġi privileġġ fuqhom; talab *illi din* li-Qorti *tirrevoka* l-eżekuzzjoni *tal-mandat ta'* elevazzjoni fuq imsemmi, għar-raġunijiet fuq riferiti, in kwantu jikkolpixxi l-partita mirja fuq imsemmija; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi *l-attur* jibbaża l-azzjoni tiegħu manifestament fuq id-dispożizzjoni kontenuta fl-art. 2113 (d) tal-Kodiċi Ċivili; *skond* liema *dispożizzjoni huwa privileġġjat* "il-kreditu għall-prezz ta' ħaġa, *sew* jekk il-bejgħ tagħha jkun *sar* bi żmien għall-ħlas, kemm mingħajr żmien";

Illi l-privileġġ huwa definit mill-liġi *bħala l-jedd ta'* preferenza illi x-xorta *tal-kreditu tagħti* lill-kreditur fuq il-*kredituri l-oħra*, ukoll jekk ikunu kredituri ipotekarji. U mid-dottrina u l-ġurisprudenza huwa definit — eċċettwat dak tal-"pegno" — *bħala dak id-dritt reali li* l-liġi takkorda fuq il-beni tad-debitur, in rigward għall-kawża tal-kreditu, biex tassigura fuq l-istess beni s-sodisfazzjoni ta' dak il-kreditu. L-oġġett, il-ħaġa li fuqha jkun hemm il-privileġġ, il-kreditu *privileġġjat, hija* tad-debitur; u kwindi ma hemmx lok għar-revoka ta' mandat ta' elevazzjoni jew sekwestru in kwantu jikkolpixxi dik il-ħaġa, in forza ta' kreditu privileġġjat fuqha;

Fil-każ in ispeċje, ma hemmx lok għar-revoka tal-mandat ta' elevazzjoni fuq referit in kwantu jikkolpixxi l-merkanzija fuq indikata; għaliex din hija tad-debitur eżekutat, għaddiet *fil-patrimonju tiegħu fil-vendita li, fid-Dritt attwali*, tittrasferixxi immedjatament lill-kumpratur il-ħaġa mibjugħa, sija jekk il-vendita tkun saret b'terminu jew min-

għajr terminu; salv favur l-attur nomine l-imsemmi privileġġ fuqha. Liema privileġġ, billi għandu, bħal kull privileġġ, *l-iskop definittiv li* jassigura l-pagament ta' *somma* ta' flus, l-attur nomine jeżerċitah fuq il-prezz tar-rivendita ta' l-istess merkanzija; appuntu għaliex il-privileġġ jikkonferixxi dritt ta' preferenza fuq kredituri oħra;

Illi l-attur nomine nvoka favur tiegħu r-riżoluzzjoni tal-bejgħ ta' *dik il-merkanzija*, billi l-prezz tagħha għadu ma tħallasx; iżda anki jekk hemm lok għal dik ir-riżoluzzjoni, huwa ma talabhiex, u ma bbażax l-azzjoni tiegħu *fuqha. U inveru, ma* setax fl-istess ħin jitlob ir-riżoluzzjoni tal-vendita u jinvoka l-privileġġ, jew aħjar kreditu tagħha privileġġjat; għ*aliex bir*-riżoluzzjoni l-ħaġa — fil-każ preżenti l-merkanzija fuq indikata — ma tibqax tad-debitur, imma ssir tal-attur nomine, u wieħed ma *jistax* ikollu *privileġġ fuq il-ħaġa proprja; u din* hija *r-raġuni* għaliex ir-riżoluzjoni tal-bejgħ ma tistax tiġi kunsidrata f'dana l-ġudizzju, fejn l-azzjoni hija bażata fuq il-privileġġ; l-għaliex, ġa ladarba ġie nvokat il-privileġġ, dan għandu jfisser illi min invokah — l-attur nomine — ma *jridx ir-riżoluzzjoni tal-vendita*, billi bir-riżoluzzjoni tagħha jispiċċa l-privileġġ, għaliex ma jibqax possibbli. Riżoluzzjoni tal-vendita u privileġġ fuq il-prezz tar-rivendita ta' l-oġġett ta' dik l-istess vendita ma jistgħux imorru flimkien; għal kontradizzjoni li ma takkonsentiehx;

*Għall-motivi permessi;*

Tirrespinġi t-talba; bl-ispejjeż.

---

**Tmiem tat-Tielet Parti**
**tal-Volum XXXIX.**

---